MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 331/1997/1

**Francis Busuttil & Sons Ltd (C334)**

**v.**

**Christopher Apap u Reflex Computer Systems (Malta) Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fl-14 ta' Frar 1997 li taqra hekk:

> "Rat illi s-socjeta` attrici tat appalt lill-konvenuti ghall-installazzjoni ta' *software* tal-*computer* fil-fabbrika/ufficini taghha, fuq liema appalt is-socjeta` attrici hallset lill-konvenuti bhala depositu l-ammont ta' Lm15,930;
>
> "Premess illi l-konvenuti naqsu li jadempixxu dan l-appalt fiz-zmien miftiehem, u l-ezekuzzjoni tal-imsemmi appalt li ghamlu, ghamluh hazin, u mhux skond l-arti u s-sengha u lanqas skond il-ftehim;
>
> "Premess li minhabba n-nuqqas da parti tal-konvenuti li jadempixxu l-obbligi minnhom assunti ghall-installazzjoni tas-*software* miftiehem minhabba li s-*software* provdut ma kienx skond il-ftehim, l-arti u s-sengha, u lanqas ma kien tajjeb skond l-ispecifikazzjoni mifthiema bejn il-partijiet, is-socjeta` attrici sofriet danni ingenti kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
>
> "Premess illi l-konvenuti ghalkemm mitluba diversi drabi biex jadempixxu l-obbligi taghhom u minkejja hafna weghdiet u promessi da parti tal-istess konvenuti, l-istess baqghu inadempjenti;
>
> "Jghidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din il-Qorti:
>
> > "1. Tiddikjara u tiddeciedi, jekk hemm bzonn li l-appalt moghti mis-socjeta` attrici lill-konvenuti ghall-installazzjoni ta' *software* kif qabel imsemmi, huwa terminat b'tort tal-inadempjenza tal-istess konvenutikif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

> “2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-*software* li gie installat mill-konvenuti ma hux skond il-ftehim u mhux skond l-arti u s-sengha u lanqas ma kien tajjeb skond l-ispecifikazzjoni miftiehma bejn il-partijiet;
>
> “3. Tikkundanna lill-istess konvenuti jirrestitwixxu u jhallsu lura s-somma ta’ Lm15,930 imhallsa bhala depositu kif qabel spjegat bl-interessi legali skond il-ligi;
>
> “4. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti li jadempixxu l-obbligi minnhom assunti u minhabba li s-*software* installat ma kienx skond il-ftehim u mhux skond l-arti u s-sengha, kif qabel spjegat;
>
> “5. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici kif qabel imsemmi jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi;
>
> “6. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata bl-interessi skond il-ligi.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 480/97 u tal-Mandat ta’ Qbid numru 484/97 kontra l-konvenuti u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenut Apap u tar-rappresentanti guridici tas-socjeta` konvenuta.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Christopher Apap li in forza taghha eccepixxa illi:

> “1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut Christopher Apap personalment ma dahal f’ebda ftehim mas-socjeta` attrici u ma nghata ebda nkarigu mill-istess socjeta`;

"2. Illi ghalhekk il-konvenut Christopher Apap bl-ebda mod ghandu xi relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici inkwantu l-azzjonijiet tieghu kienu dejjem f'isem u ghan-nom tas-socjeta` konvenuta liema socjeta` kienet il-parti li dahlet fi ftehim mas-socjeta` attrici ghall-installazzjoni ta' *software* ta' *computer* fil-fabbrika/ufficini tas-socjeta` attrici;

"3. Illi inoltre ghalhekk il-konvenut Christopher Apap ma jistax jigi dikjarat responsabbli ghad-danni inkwantu huwa ma kaguna ebda danni lis-socjeta` attrici;

"4. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Reflex Computer Systems (Malta) Ltd li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi m'huwiex minnu illi s-socjeta` konvenuta naqset milli tadempjixxi l-obbligi minnha assunti jew milli tezegwixxi l-appalt skond l-arti u s-sengha;

"2. Illi fil-fatt is-socjeta` attrici qeghda tuza s-*software* li gie nstallat mis-socjeta` konvenuta;

"3. Illi kwalsiasi dewmien fl-installazzjoni tas-*software* kien dovut ghal fatt illi s-socjeta` attrici bdiet tbiddel l-i*specifications* tas-*software* li l-partijiet kienu ftehmu fuqhom;

"4. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Novembru 2010 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

> **“Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Christopher Apap u ssib li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-kumpannija attriċi u b’hekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-istess kumpannija attriċi;
>
> **“Tilqa’ t-tieni talba attriċi** billi ssib li l-kumpannija mħarrka naqset b’mod serju li twettaq l-appalt lilha mogħti skond ma jitolbu s-sengħa u l-ħila billi s-*software* li ipprovdiet lill-kumpannija attriċi ma kienx kif miftiehem u mhux kollu tajjeb għall-użu maħsub;
>
> **“Tilqa’ t-tielet talba attriċi** limitatament billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lura lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ disgħa u għoxrin elf tliet mija u sitta u sebgħin euro (€ 29,376), rappreżentanti parti mill-ħlas akkont magħmul lilha bil quddiem mill-kumpannija attriċi fl-okkażjoni tal-għoti lilha tal-imsemmi appalt, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mill-14 ta’ Frar, 1997, sal-jum tal-ħlas effettiv;
>
> **“Tilqa’ r-raba’ talba attriċi** u ssib lill-kumpannija mħarrka responsabbli għad-danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi minħabba nuqqas ta’ twettiq tal-appalt mogħti;
>
> **“Tilqa’ l-ħames talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi, u kif mistħoqq ipprovati, fis-somma ta’ tletin elf u disa’ mitt euro (€ 30,900);
>
> **“Tilqa’ s-sitt talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas is-somma msemmija ta’ tletin elf u disa’ mitt euro (€ 30,900) bħala danni likwidati, bl-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b’seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**"Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka **tħallas l-ispejjeż** tal-kawża, ħlief għal dawk relativi għall-imħarrek Christopher Apap, li għandha tħallashom il-kumpannija attriċi."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' appalt minħabba li twettaq ħażin u wara ż-żmien, u talba għad-danni minħabba dak in-nuqqas. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "FBS") kienet tat appalt għall-istallazzjoni ta' *software* biex jintuża fis-sistema tal-*computer* tal-ażjenda tagħha, imma tgħid li l-imħarrkin damu ma temmew ix-xogħol mitlub u, minbarra dan, is-sistema li stallaw ma ħadimx. Meta qabbdet lill-imħarrkin, kienet ħallset somma bħala depożitu. Minħabba li s-sistema ma kienx tajjeb u sar mhux kif jitolbu s-sengħa u l-ħila, FBS tgħid li ġarrbet danni kbar. Trid li l-imħarrkin iroddulha lura d-depożitu li ħallsithom u wkoll li jagħmlu tajjeb għad-danni li hija ġarrbet minħabba n-nuqqas tagħhom;

"Illi l-imħarrek Christopher Apap laqa' billi qal li f'din il-biċċa ma kien jidħol xejn personalment. Huwa jisħaq li l-ftehim ma' FBS sar ma' Reflex u mhux miegħu, u għalhekk hu la naqas b'xi mod minn xi ħaġa li ma ntrabatx biha u wisq anqas għandu għalfejn jagħmel tajjeb għal xi danni pretiżi minn FBS;

"Illi, min-naħa tagħha, Reflex laqgħet billi ċaħdet li hi naqset milli twettaq kif imiss l-appalt mogħti lilha, tant li qalet li FBS baqgħet tuża s-sistema li pprovditilha. Dwar id-dewmien, waħħlet f'FBS billi qalet li din kienet bidlet l-ispeċifikazzjonijiet li kienu ftehmu dwarhom qabel;

"Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fit-tieni nofs l-1995 FBS kienet daħlet f'negozjati ma' Reflex biex jiddaħħal sistema sħiħ ta' *integrated computer software solution* (li kienet iġġib l-isem ta' "*Chariot Software*"[1]) li jitħaddem f'*multiuser business system* mifrux mal-attivitajiet kummerċjali tagħha, wara li Reflex tatha tagħrif dwarha u dwar il-prodott li kienet qiegħda toffri[2]. Dan is-sistema ried jitħaddem ukoll minn għadd ta' rappreżentanti

[1] Ara dok f'paġ. 173 tal-proċess
[2] Ara Dok "CA2", f'paġġ. 183 – 4 tal-proċess

(permezz ta' *hand-held sets*) tagħha li ta' kuljum ikunu jduru fi stabilimenti kummerċjali ta' klijenti tagħha biex jieħdu l-ordnijiet ta' xiri ta' prodotti ta' FBS. Reflex għamlet il-kwotazzjoni tagħha fl-24 ta' Jannar, 1996[3], wara li kienu saru laqgħat ma' rappreżentanti ta' FBS;

"Illi jidher li f'Jannar tal-1996, kien intlaħaq qbil dwar il-pakkett ta' moduli li kellhom jingħataw lil FBS sal-ewwel (1) ta' Mejju, 1996. FBS bagħtet tgħarraf lill-imħarrek fi Frar tal-1996[4] li kienet aċċettat l-offerta ta' Reflex għax-xiri tas-sistema li biha kellhom jinqdew tnax-il ruħ. Il-prezz sħiħ tas-sistema kellu jkun ta' sitta u għoxrin elf ħames mija u ħamsin lira Maltin (Lm 26,550) u FBS ħallset lil Reflex depożitu akkont ta' ħmistax-il elf disa' mija u tletin lira Maltin (Lm 15,930) flimkien mar-rata tat-Taxxa tal-Valur Miżjud, fil-bidu ta' April, 1996[5]. Il-bilanċ kellu jitħallas fi tliet (3) rati ndaqs ta' tlitt elef ħames mija u erbgħin lira Maltija (Lm 3,540) kull waħda fil-bidu ta' kull xahar ta' wara[6];

"Illi Reflex bdiet tagħti lil FBS skedi taż-żminijiet li hija kienet qiegħda taħseb li sejra tieħu biex twettaq l-appalt[7]. Kien maqbul ukoll li Reflex titħallas *maintenance fee* ta' elf mija u ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm 1,125) kull sena li ma jinbidlux tul l-ewwel ħames snin tal-kuntratt[8];

"Illi wara li beda l-proċess ta' adattament tas-sistema l-qadim ma' dak il-ġdid li kien inxtara, bdew jinqalgħu diffikultajiet. Meta nqabżet id-data li fiha s-sistema kellu jibda jitħaddem, FBS waqqfet il-ħlasijiet lil Reflex. Reflex kienet ġabet f'Malta rappreżentanti tad-ditta barranija biex jaraw x'kien qiegħed ifixkel it-tħaddim tajjeb tas-sistema għand FBS. Is-sistema beda jitħaddem fl-4 ta' Novembru tal-1996, iżda kien għad fadal problemi li ma kienx instab tarfhom sa dak inhar. Reflex kitbet lill-kumpannija li kienet tilliċenzja s-*software*, jiġifieri CFM Limited (membru tal-Grupp ICL), biex tgħarrafha li "there still exist serious problems"[9] fis-sistema miksub minn FBS. Dik il-ġimgħa wkoll, l-imħarrek wiegħed lil FBS li huwa kellu jitla' l-Irlanda biex jitkellem direttament ma' rappreżentanti ta' CFM[10];

---
3 Dok f'paġġ. 142 – 3 tal-proċess
4 Dokti f'paġġ. 121 – 2 tal-proċess
5 Dok "FBS1", f'paġġ. 192 – 3 tal-proċess
6 Dok f'paġġ. 126 – 7 tal-proċess
7 Dok f'paġ. 149 tal-proċess
8 Xhieda ta' Anton Dalli 19.12.2001, f'paġ. 106 tal-proċess
9 Dok f'paġġ. 155 – 7 tal-proċess
10 Dok f'paġ. 153 tal-proċess

"Illi f'Diċembru, 1996, FBS talbet lill-imħarrek biex Reflex tibgħat persuna teknika biex issib tarf ta' kull problema li s-sistema kien għadu jtella' jew, fin-nuqqas, li jrodd lura l-ħlasijiet li kienu saru sa dak iż-żmien[11]. F'Jannar tal-1997[12], l-imħarrek bagħat jgħarraf lil FBS li s-*support service* ma kienx se' jingħata aktar lil FBS. Meta ġara hekk, FBS daħlet f'kuntratt dirett mal-kumpannija CFM Limited li bdiet twettaq is-servizz minflok dak li kien tqabbad jagħtiha l-imħarrek[13];

"Illi l-kawża nfetħet fi Frar tal-1997;

"Illi l-Qorti tqis li fost il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ, l-aktar waħda li tispikka hija dik dwar in-natura tan-negozju li seħħ bejn FBS u Reflex jew l-imħarrek. Ma hemm l-ebda dubju li l-ftehim kien wieħed ta' appalt;

"Illi l-Qorti jidhrilha li l-ewwel konsiderazzjoni li trid tagħmel tintrabat mal-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Apap. Din trid li l-Qorti tagħraf li l-appalt sar bejn FBS u Reflex u mhux miegħu personalment. Għalhekk, huwa jqis lilu nnifsu bħala persuna li FBS ma messha ħarrkitha qatt. Fi kliem ieħor, qiegħed jgħid li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet ta' FBS;

"Illi hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet, li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu[14], sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu jgħid mod ieħor. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha[15], sakemm ma jintweriex li l-parti l-oħra kienet taf li fil-fatt dik il-persuna kienet qiegħda tinnegozja f'isem ħaddieħor[16]. Fil-każ ta' kitba li tkun saret dwar il-bejgħ jew fornitura ta' servizz f'isem persuna partikolari, ma jistax jingħad li din kienet xi obbligazzjoni li tkun saret għall-benefiċċju ta' terza persuna[17], u għalhekk jidher li japplika l-prinċipju li l-ftehim għandu effett bejn dawk li kkuntrattawh biss u ma jistax ikun ta' ġid jew ta' ħsara għal ħaddieħor[18]. Iżda din hija preżunzjoni *juris tantum* li jfisser li, bi

[11] Dok f'paġ. 160 tal-proċess
[12] Dok f'paġġ. 161 – 2 tal-proċess
[13] Dok f'paġġ. 158 – 9 tal-proċess
[14] Art. 998 tal-Kap 16
[15] Art. 999(1) tal-Kap 16
[16] App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Caruana et vs John Magro et noe*** (mhix pubblikata)
[17] Art 1000 tal-Kap 16
[18] Art 1001 tal-Kap 16

provi tajbin imressqa li juru mod ieħor, f'ċerti ċirkostanzi dak li jidher li ftiehem għalih innifsu jkun, fil-fatt, ftiehem f'isem persuna oħra[19];

"Illi huwa prinċipju daqstant ieħor aċċettat li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din[20], u jrid juri wkoll li f'dak il-waqt il-parti l-oħra kienet mgħarrfa li dik il-persuna kienet tassew qiegħda tinnegozja magħha f'isem ħaddieħor[21]. F'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż[22] u applikati l-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-anqas dak li l-kuntratti għandhom jiġu segwiti bil-bona fidi[23];

"Illi wara li qieset sewwa l-fatti mressqa u x-xhieda mogħtija, il-Qorti ssib li l-imħarrek *proprio* seħħlu juri li huwa tassew ma kellux rabta ġuridika ma' FBS fuq livell personali. Dan jingħad minkejja r-rwol attiv li huwa kellu fin-negozjar tal-appalt u wkoll fil-ġrajjiet li seħħew hu u jitwettaq l-appalt, u minkejja li l-imħarrek jidher li kien id-direttur waħdien ta' Reflex. Ir-raġunijiet li l-Qorti ssib għal din il-fehma tagħha joħorġu mill-fatt li kienet Reflex li introduċiet lilha nnifisha lil FBS u li kull komunikazzjoni mibgħuta minn u lil FBS f'din il-ġrajja kienet tagħraf lil Reflex. Il-ħlas sar lil Reflex li wkoll tat riċevuta. Kull meta nqala' xi ntopp waqt li kien qiegħed jitħejja u jitħaddem is-sistema, FBS talbet rimedji mingħand Reflex, u meta Reflex waqfet milli tagħti s-servizz, FBS għarfet li kienet din il-kumpannija li kienet ħallietha f'nofs leħja u żammitilha l-ħlas biex tkun tista' tiftiehem ma' CFM Limited biex tidħol minflok Reflex. Saħansitra kienet FBS innifisha li, wara li kienet fetħet din il-kawża, baqgħet tirreferi għal Reflex (u mhux għall-imħarrek) bħala l-kontraent li kienet naqset milli twettaq il-ftehim[24];

"Illi, għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek u teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju fil-konfront ta' FBS;

"Illi għal **dak li jirrigwarda t-talbiet fil-mertu** l-Qorti tqis li, mill-provi mressqa, l-kwestjoni kollha titlob stħarriġ xieraq u b'reqqa dwar jekk kienx minnu jew le li l-appalt mogħti lil Reflex kien twettaq kif miftiehem. Il-perit tekniku maħtur ma ħalla l-ebda dubju li, mill-provi li tressqu quddiemu, l-appalt ma twettaqx sewwa. Mill-istess xhieda jirriżulta li kien hemm bosta nuqqasijiet li wasslu biex mhux

[19] App. Inf. **19.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ Cold Stores (Import & Distribution) Ltd vs Mario Pickard et noe et***
[20] Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia noe vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.673**)
[21] App. Inf. **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Thorne et vs John Mallia Borġ et***
[22] App. Ċiv. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Renato Ċefai noe vs J & M Aluminium Ltd.***
[23] Art. 993 tal-Kap 16
[24] Dok "A", f'paġ. 111 tal-proċess

biss is-sistema ma setax jibda jitħaddem meta miftiehem, iżda meta beda jitħaddem wara xhur li messu nbeda nstab li ħafna xogħol kellu jerġa' jsir mill-ġdid;

"Illi l-Qorti tagħraf li fit-twettiq tax-xogħol mogħti lilu, kull appaltatur irid iħares b'għaqal, mistenni minn kull missier tajjeb tal-familja u skond id-dettami tal-artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili, il-mod kif iwettaq l-appalt[25]. B'mod partikolari, biex l-appaltatur jista' jingħad li ta xogħol tajjeb irid juri li huwa ikkontrolla sew ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel u jagħti każ tal-fatturi li 'l quddiem jistgħu jikkompromettu x-xogħol li jkun ta, imqar jekk dan jiġri minħabba xogħol ħażin li jkun wettaq xi kuntrattur ieħor qabel ma jkun sar ix-xogħol appaltat[26];

"Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha jidher li l-appalt ma twassalx sa tmiemu. FBS tgħid li Reflex abbandunat l-appalt mogħti lilha, filwat li Reflex tgħid li kellha tieqaf milli tagħti s-servizz minħabba li FBS żammitilha l-ħlas miftiehem. Il-Qorti ssib li huwa minnu li Reflex ma temmitx l-appalt mogħti lilha. Minn korrispondenza li tressqet bi prova mill-imħarrek, il-Qorti tislet il-fehma ċara li Reflex ma kellhiex ħjiel kif sejra sssolvi l-problemi kbar li ħarġu matul ix-xhur ta' provi u stallazzjoni tas-sistema. Mġiba bħal din titfa' dawl fuq il-ħila tal-appaltatur u mhux ħtija fuq min ikun fdah. Il-Qorti lanqas ma hija konvinta bl-argument ta' Reflex li s-servizz waqfet li tkompli tagħtih għaliex FBS żammitilha l-ħlasijiet. Saż-żmien meta s-sistema kellu jibda jitħaddem bla tfixkil, Reflex kienet diġa' tħallset aktar min-nofs il-prezz tal-appalt kollu u wara li kien ħareġ li Reflex kienet naqset ukoll li tibgħat il-ħlas għall-provvisti li CFM Limited kienet qiegħda tagħti lil din biex tkun tista' tagħti s-sistema awtorizzat lil FBS;

"Illi, fid-dawl tal-fatti li joħorġu mill-atti, jidher li Reflex ukoll aċċettat li ma setgħetx tkompli twettaq l-appalt, u ma tagħmilx sewwa li tixli lil FBS li bdiet tinnegozja ma' CFM Limited minn wara daharha, meta kienet Reflex innifsiha li għal darbtejn ġabet f'Malta lil rappreżentanti ta' CFM Limited biex jaraw kif kienu jistgħu jsibu tarf tat-taħbil li waqa' fih is-sistema stallat minnha (jiġifieri minn Reflex). Minbarra dan, jidher li l-ftehim kien wieħed bi żmien u dak iż-żmien laħaq għalaq matul iż-żmien li kienet qiegħda tinstema' l-kawża u saħansitra qabel mal-perit tekniku kien għadda għar-Relazzjoni tiegħu;

---

[25] App. Inf. **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Ltd et vs Anġlu Żarb***
[26] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***George Spiteri noe et vs Peter Paul Testaferrata Moroni Viani***

"Illi bil-liġi huwa mogħti l-jedd lill-appaltant li, x'ħin irid, itemm il-ħatra mogħtija minnu lill-appaltatur, ukoll jekk dan ikun beda jwettaq ix-xogħlijiet miftehma[27]. Minbarra dan, l-avviż li l-appaltant jagħti, b'kull meżż li jkun, lill-appaltatur bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt iġib minnufih il-ħall tal-appalt bla ħtieġa ta' ebda awtorita' jew konferma minn xi qorti[28]. Imma l-liġi tagħraf bejn twaqqif tal-appaltatur għal raġuni tajba u twaqqif bla raġuni tajba: dan l-għarfien jikkonsisti fl-għamla ta' kumpens differenti li l-appaltant ikun irid jagħti lill-appaltatur imwaqqaf. Għalhekk, il-liġi trid li jekk l-appaltatur jitwaqqaf għal raġuni tajba, l-appaltant irid iħallsu tax-xogħol li jkun laħaq tlesta u tal-ispejjeż għax-xiri tal-materjal, wara li jittieħed qies tal-ħsara li jkun ġarrab il-ġid tal-appaltant qabel ġie mwaqqaf ix-xogħol[29]. Jekk, min-naħa l-oħra, l-appaltatur jitwaqqaf għal raġuni li mhix tajba, l-liġi trid li l-appaltatur jitħallas kemm tax-xogħol li jkun laħaq ta, kif ukoll tal-ispejjeż kollha li jkun nefaq, magħduda magħhom somma meqjusa mill-Qorti, liema somma ma tkunx akbar mill-qligħ li l-appaltatur kien jirreġistra kieku tħalla jtemm l-appalt[30];

"Illi dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qegħda ssir ħsara lill-ġid tal-appaltant;

"Illi huwa prinċipju legali applikat ukoll li jekk kemm-il darba l-appaltant minn rajh iħoll il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, mingħajr ma jkun hemm kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim, l-appaltant ma jistax jinqeda bl-iskuża tal-eżistenza tal-kundizzjoni riżoluttiva taċita (li hija bil-liġi[31] meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iħoll il-kuntratt. F'każ bħal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-ħall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jieħu u japplika waħdu deċiżjoni f'dan is-sens, iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni li jrid iwieġeb għall-appaltatur skond ma trid il-liġi fl-artikolu 1640(2)[32];

"Illi regola legali oħra hi li l-appaltatur ma jistax jitlob il-ħlas ta' appalt li huwa ma jtemmx jew li jagħmel ħażin, u l-azzjoni tiegħu għall-ħlas għandha tiġi miċħuda

[27] Art. 1640(1) tal-Kap 16
[28] Art. 1640(5) tal-Kap 16
[29] Art. 1640(3) tal-Kap 16
[30] Art. 1640(2) tal-Kap 16
[31] Art. 1068 tal-Kap 16
[32] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Sacco vs John Camilleri***

għaliex tkun saret qabel waqtha. Imma l-intempestivita' tintemm jekk kemm-il darba l-appaltant iqabbad minn rajh lil ħaddieħor biex itemm ix-xogħlijiet jew jirranġahom[33] u ma jagħtix lill-appaltatur opportunita' li jagħmel dan;

"Illi, madankollu, ukoll fejn ix-xogħol ma jkunx twettaq kollu, ma jistax jingħad li l-kuntratt ma twettaqx, għaliex inadempiment f'biċċa biss mix-xogħol kollu mogħti ma jistax jitqabbel ma' nuqqas sħiħ ta' twettiq. F'każ bħal dan, fejn parti mix-xogħol tkun twettqet u tkun tiswa lill-appaltant, dan ma jistax jirrifjuta li jħallas għax-xogħol li sar[34];

"Illi jitqies li l-appaltatur kien inadempjenti jekk, fejn ikun ta' xogħlijiet li ma jkunux tajbin jew skond is-sengħa, jibqa' jwebbes rasu għat-talba tal-appaltant biex jagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet: f'każ bħal dan, l-appaltant jista' jgħaddi biex ineħħi l-imsemmija difetti bla ħtieġa li joqgħod jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għal dan[35];

"Illi daqstant ieħor huwa stabilit li fejn f'appalt ikun twettaq xogħol li jkollu nuqqasijiet, l-appaltant ma jistax jibqa' jallega l-inadempiment kuntrattwali jekk jaqbad u jwaqqaf lill-appaltatur u, mingħajr ma jitolbu jsewwi dawk in-nuqqasijiet, iqabbad lil ħaddieħor biex jagħmilhom hu[36];

"Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha jirriżulta li FBS tilminta minn bosta nuqqasijiet fl-imġiba tal-appaltatur imqabbad minnha. Dawn in-nuqqasijiet huma (i) nuqqas ta' konsenja ta' sistema jaħdem tajjeb sad-data miftehma, (ii) ħruġ ta' *print-outs* inkonsistenti, (iii) sistema li jeħel ("jiħħengja"!) bosta drabi kuljum meta l-lavranti ta' FBS ikunu jridu joħorġu fatturi tal-bejgħ magħmul, (iv) tniġġis tas-sistema bid-dħul ta' "*bug*" li jħarbat il-prezzijiet tal-prodotti ta' FBS (li, f'dak iż-żmien, kienu jlaħħqu mal-2,500 prodott differenti), (v) nuqqas ta' kompatibilita' bejn is-sistema mħaddem mill-*hand-held* units tal-lavranti u dak li kien qiegħed jiddaħħal fin-*network* li kien jitħaddem fis-sede ta' FBS, (vi) ma ttiħidx ħsieb tas-sistema ta' ħlas tal-kummissjonijiet lill-lavranti fuq il-bejgħ li kull wieħed minnhom jiġġenera kuljum (b'mod li l-iskrivana kellhom jibqgħu jagħmluha bl-idejn), (vii) tqegħid ta' verżjoni tal-COBOL li ma kinitx awtorizzata jew liċenzjata, (viii) nuqqas ta' stallazzjoni ta' sistema ta' *file conversion* li wasslet għat-tħassir ta' bosta *files* ("*file corruption*"), (ix) xogħol żejjed lill-

[33] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello pro et noe***
[34] App.Inf. **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bezzina et vs Joseph Attard et***
[35] P.A. PS **9.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raphael Micallef vs Anthony Aġius***
[36] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***France Abela vs Joseph Scicluna***

ħaddiema ta' FBS fi tmiem il-ġimgħa biex joqogħdu jiflu n-nuqqasijiet li jkunu ħarġu matul il-ġimgħa hu u jitħaddem is-sistema waqt il-prova, (x) is-sistema beda jiġġenera l-istess fatturi ripetuti aktar minn darba, (xi) nuqqas ta' provvista ta' sistema "*Snow Report Writer*" (li FBS kellha tixtri wara li ntemm l-appalt), u (xii) nuqqas ta' ko-ordinament (fis-sens li s-sistema ma kienx "jaqra" t-tagħrif mibgħut minn u lill-*hand-held sets*) bejn is-sistema ta' bażi "*Chariot*" u t-tagħmir li l-lavranti jġorru f'idejhom meta jkunu jduru bix-xogħol;

"Illi Reflex ma tiċħadx dawn l-ilmenti, għalkemm f'xi wħud minnhom (bħal fil-każ meta tispjega li nqdiet minn programm ta' COBOL mhux awtorizzat) tiġġustifika l-għamil tagħha billi tgħid li għamlet hekk biex ma jinħeliex ħin! Uħud minn dawn l-ilmenti huma serji, u oħrajn anqas serji. Imma, miġburin flimkien, jixhdu li Reflex ma tatx xogħol sewwa. Dan jingħad għaliex l-imsemmija lmenti kienu jirrigwardaw mhux biss il-provvista ta' programmi jew tagħmir ("*hardware*") li Reflex riedet iġġib mingħand ħaddieħor, iżda wkoll xogħol li Reflex kellha tipprovdi bil-ħidma (tfassil ta' "*software*") u l-ħila tal-ħaddiema tagħha u li kien jiddependi minnha biss, partikolarment f'dak li kellu x'jaqsam maż-żamma funzjonali tas-sistema ("*maintenance*");

"Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li wasal għaliha wkoll il-perit ġudizzjarju, jiġifieri li Reflex naqset li twettaq kif imiss l-appalt mogħti lilha u dan minħabba nuqqasijiet li jikkostitwixxu difetti essenzjali. Iġib lill-Qorti wkoll għall-fehma li FBS għamlet sewwa li ttemm l-appalt u li kellha aktar minn raġuni waħda tajba biex tagħmel dan;

"Illi, għalhekk, l-**ewwel talba attriċi** sejra tintlaqa' u, għall-istess raġunijiet, l-**ewwel eċċezzjoni** ta' Reflex sejra titwarrab għaliex m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u d-dritt;

"Illi Reflex tqajjem **żewġ eċċezzjonijiet oħrajn** fil-mertu. L-ewwel waħda hi li tant ma tatx lil FBS sistema ħażin, li FBS baqgħet tużah għal bosta snin wara li temmitilha l-appalt. It-tieni waħda hi li FBS bdiet tibdel it-talbiet ta' dak li riedet wara li kien sar qbil x'kellu jsir;

"Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni, joħroġ mix-xhieda li Anton Dalli jistqarr li FBS baqgħet tinqeda bis-sistema taċ-"*Chariot*" sal-2004. Reflex tieħu din l-istqarrija bħala prova li s-sistema li stallat kien wieħed tajjeb. Dak li Reflex jidher li nsiet

huwa l-fatt li, hekk kif FBS daħlet f'arranġament ma' CFM Limited biex taqlagħha mis-saram li kienet tqiegħdet fih, il-biċċa l-kbira mix-xogħol li Reflex kienet stallat kellu jinbidel b'ieħor ġdid mill-qiegħ. Din il-bidla radikali (ta' sistema li jmissu ddaħħal sewwa mill-ewwel) ġabet magħha wkoll nefqa mhux traskurabbli lil FBS;

"Illi bla ma ttawwal aktar fuq dan il-punt, il-Qorti tqis li jekk kemm-il darba kien minnu li FBS baqgħet tinqeda b'sistema li Reflex kienet webblitha biha imma li tahiela taħdem tajjeb ħaddieħor (CFM Limited), bl-ebda mod ma jista' jingħad li dak huwa mertu ta' Reflex. Għalhekk, it-tieni eċċezzjoni tagħha m'hijiex sejra tintlaqa';

"Illi dwar it-tielet eċċezzjoni l-Qorti ssib li Reflex m'urietx x'kienu l-imsemmija bidliet mitluba minn FBS wara li kien intħalaq il-qafas tal-ftehim f'Jannar tal-1996, għalkemm fis-sottomissjonijiet tagħha jissemma l-proċess ta' *customization* f'dan ir-rigward[37]. X'aktarx, iżda, li l-fehma t-tajba hija l-kontra, għaliex kienet FBS li bdiet iddur wara denbha biex tħeġġeġ lil Reflex twettaq dak li kienet twegħedha. Kienet Reflex, u mhux FBS, li bidlet iż-żmien li fih kellha tikkummissjona s-sistema u kull aċċettazzjoni li bdiet tagħti FBS kienet dettata mill-fatt li rajha kien għal kollox f'idejn Reflex. Jekk kien hemm xi ċirkostanza oħra li tgħin lil Reflex din ma tinsabx fil-atti tal-kawża u kien dmir ta' Reflex li ġġibu għall-għarfien tal-Qorti;

"Illi għalhekk, lanqas it-tielet eċċezzjoni ma tiswa u m'hijiex sejra tintlaqa';

"Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis **il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' twettiq tal-appalt** mogħti lil Reflex. Fuq dan il-livell, jeżistu żewġ kunsiderazzjonijiet li jeħtieġ jintgħamlu: l-ewwel waħda tirrigwarda t-talba tal-ħlas lura tas-somma mħallsa bħala depożitu akkont tal-prezz tal-appalt, filwaqt li t-tieni waħda tintrabat mat-talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni dovuti;

"Illi ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li t-tħassir tal-appalt minn FBS kien wieħed mibni fuq raġuni tajba u ladarba l-imsemmija raġuni hija l-inadempiment tal-kuntratt min-naħa ta' Reflex, jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1640(3), 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili;

[37] Paġ. 223 tal-proċess

"Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti[38]. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas[39], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[40];

"Illi s-sanzjonijiet maħsuba fil-Kodiċi Ċivili fejn l-appaltant itemm kuntratt ta' appalt għal raġuni tajba huma mfissra fl-istess dispożizzjonijiet tal-artikolu 1640(3) tiegħu. Din tgħid li l-appaltant irid iħallas lill-appaltatur somma daqs in-nefqa li l-appaltatur ikun għamel u daqs il-prezz tax-xogħol li jkun laħaq ta, wara li jittieħed qies tas-siwi ta' dak ix-xogħol u ta' dik in-nefqa lill-appaltant u kif ukoll tad-danni li l-appaltant ikun ġarrab minħabba t-twettiq (ħażin) jew nuqqas ta' twettiq. L-artikolu 1640(4) tal-istess Kodiċi jagħmilha ċara li fejn l-appaltatur ikun ingħata xi ħlas akkont, dak il-ħlas jittieħed b'qies kemm dwar xi ħlas li l-appaltatur jista' jkun għad jistħoqqlu jirċievi u kif ukoll jekk kemm-il darba jkun tħallas żejjed għas-siwi tax-xogħol illi jkun ta lill-appaltant;

"Illi FBS qiegħda titlob il-ħlas lura tas-somma mħallsa lil Reflex akkont. Reflex tgħid li din it-talba ma tistax issir għaliex l-artikolu 1640 – li huwa *lex specialis* fir-rigward tal-appalti li jitwaqqfu *ad nutum* – ma jipprovdix għal sanzjoni bħal din. Reflex m'hijiex tgħid is-sewwa għal kollox, għaliex fil-fehma tal-Qorti, qari tajjeb tal-istess artikolu jagħti l-possibilita' li fejn ix-xogħol mogħti f'appalt ikun tant ħażin li ma jkun tal-ebda fejda għall-appaltant jew ma jkun jgħoddlu xejn, allura wieħed jista' jgħid li l-appaltatur ma jkun jistħoqqlui l-ebda ħlas ta' xogħol bla siwi. Jibqagħlu biss jedd għall-kumpens ta' xi nfieq li jkun għamel. Wara kollox, jekk kemm-il darba huwa minnu li talba minn appaltatur għal ħlas hija intempestiva jekk kemm-il darba l-appalt ikun sar ħażin[41], bl-istess mod jidher li l-appaltant jista' jitlob lura kull ħlas li jkun sar qabel il-waqt u li ma jkunx għadu dovut;

[38] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)
[39] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)
[40] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)
[41] P.A. **8.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Pisani vs Debattista*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1003**); P.A. **14.2.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Cavallo*** (Kollez. Vol: **XLVII.ii.650**); u App. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Meli et vs Emanuel Galea***, fost bosta oħrajn

"Illi fis-sewwa jrid jingħad li fil-każ tal-lum ma jirriżultax li kull xogħol li għamlet Reflex kien għal xejn jew mingħajr siwi għal FBS. Il-perit tekniku ma rrelata bl-ebda mod fuq hekk iżda lanqas qal li x-xogħol kollu kien ħażin. Għalhekk, fin-nuqqas ta' prova li turi l-kuntrarju, l-Qorti qiegħda tqis li xi xogħol mogħti fl-appalt kien tajjeb. Il-Qorti se' jkollha tasal għall-kwantifikazzjoni tiegħu *arbitrio boni viri* u dan ukoll minħabba li fil-biċċa l-kbira tiegħu l-appalt kien taħt prezz globali. Wara li qieset sewwa l-fatturi kollha, magħduda t-tqassim tal-pakkett offert minn Reflex u l-prezzijiet mitluba, l-Qorti tasal għall-fehma li s-somma li Reflex jistħoqqilha tirċievi kienet ta' wieħed min tmienja ($^1/_8$) tal-prezz sħiħ tal-appalt, jiġifieri sebat elef seba' mija u wieħed u tletin euro (€ 7,731)[42];

"Illi għalhekk, dan ifisser li Reflex trid trodd lura s-somma ta' disgħa u għoxrin elf tliet mija u sitta u sebgħin euro (€ 29,376) mis-somma ta' €37,107 li hija kienet tħallset akkont f'April tal-1996. Sa dan l-ammont it-**tielet talba attriċi** sejra tintlaqa';

"Illi l-artikolu 1640(3) jitkellem ukoll fuq id-danni li jkun ġarrab il-kommittent/appaltant minħabba t-twettiq ħażin tal-appalt. Fil-każ tal-lum, FBS uriet x'kienu n-nefqiet żejda li kellha tidħol għalihom biex, wara li Reflex ħarġet mix-xena, s-sistema mwiegħed seta' jitħaddem kif imiss. Dawn l-ispejjeż kienu jitilgħu b'kollox għal tletin elf u disa' mitt euro (€ 30,900), liema nfiq jinsab dokumentat fl-atti[43] u li Reflex ma ressqet l-ebda prova biex ixxejjen jew tikkontesta. Id-dati ta' dak l-nfieq juru li kollu sar wara li Reflex kienet waqfet tagħti s-servizz lil FBS. Il-Qorti sejra tqis dak l-infieq bħala d-dannu mġarrab u debitament ippruvat minn FBS;

"Illi b'hekk ir-raba', l-ħames u s-sitt talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu fit-termini ta' dak li jingħad hawn fuq;"

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

[42] Lm 26,550/ 8 = Lm 3318.85
[43] Ara Dokti "B.2", "FBS2" sa "FBS8" f'paġ. 113, 187 – 8, u 194 sa 210 tal-proċess

> "... ... tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-appellat Christopher Apap u konsegwentement sabet li l-istess appellat m'huwiex il-kontradittur legittimu tal-pretensjonijiet tas-socjeta` appellanti u b'hekk helsitu mill-harsien tal-gudizzju bi spejjez ghall-istess socjeta` appellanti, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-appellat Christopher Apap, tilqa' t-talbiet attrici **wkoll** fil-konfront tal-istess appellat *in solidum* mas-socjeta` Reflex Computer Systems (Malta) Limited, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti, ukoll *in solidum* mas-socjeta` Reflex Computer Systems (Malta) Limited, u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

> "... ... tichad l-appell principali interpost mis-socjeta` attrici u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tilqa' l-appell incidentali tal-esponenti billi:
>
> > "a. Tirriformaha billi tiddikjara illi l-appalt moghti lis-socjeta` Reflex Computer Systems (Malta) Limited ma giex terminat b'tort tal-inadempjenza tas-socjeta` Reflex;
> >
> > "b. Tirriformaha billi tezimi lis-socjeta` Reflex milli tirrifondi lura lis-socjeta` attrici parti mid-depozitu mhallas lilha flimkien mal-imghax b'sehh mill-14 ta' Frar 1997 sal-jum tal-pagament effettiv; jew, alternattivament, tirriformaha billi filwaqt illi tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont xieraq dovut lis-socjeta` Reflex ghall-appalt minnha mwettaq, inkluz ghall-provvista tas-*software*, tnaqqas dan l-ammont hekk likwidat mid-depozitu mhallas lilha mis-socjeta` attrici;
> >
> > "c. Tirriformaha billi tiddikjara illi ebda danni ma huma dovuti lis-socjeta` attrici u ghalhekk tehlisha mill-kundanna ghal hlas ta' danni jew alternattivament tirriformaha billi tirriduci l-ammont ta' danni pagabbli mis-socjeta` Reflex billi tnaqqas dawk l-ispejjez li ma kienux inkluzi fl-appalt jew li ma kienux rizultat ta' inadempiment da parti tas-socjeta` Reflex fl-ezekuzzjoni tal-appalt; u

"d. Fil-kumplament tikkonferma s-sentenza moghtija.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici."

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici ghall-appell incidentali tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti li:

"... ... dik il-parti mis-sentenza li minnha s-socjeta` Reflex Computer Systems (Malta) Limited qeghda tinterponi appell incidentali, ghandha tkun ikkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellant, u bla pregudizzju ghall-appell principali interpost mis-socjeta` appellata."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti

Ikkunsidrat:

Jirrizulta li s-socjeta` attrici tat appalt lis-socjeta` konvenuta ghall-istallazzjoni ta' *software* biex jintuza fis-sistema tal-*computer* tal-azjenda taghha. Skont is-socjeta` attrici, ix-xoghol tqieghed wara hafna zmien u sar hazin u ghalhekk, trid lura d-depozitu li hallset u l-hlas tad-danni li garrbet konsegwenza tal-agir

abuziv tal-istess socjeta` konvenuta. Il-konvenut Christopher Apap wiegeb li hu personalment ma kienx imdahhal fin-negozju, u s-socjeta` konvenuta cahdet li hi naqset milli twettaq kif imiss l-appalt moghti lilha. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, wara li elenkat il-fatti saljenti li wasslu ghal kawza, sabet favur is-socjeta` attrici fid-dawl ta' diversi nuqqasijiet li nstabu fix-xoghol li wettqet is-socjeta` konvenuta u kkundannat lis-socjeta` konvenuta tirrifondi parti mid-depozitu u thallas danni ta' tletin elf u disa' mitt Euro (€30,900). L-ewwel Qorti sabet li l-konvenut Christopher Apap personalment ma kellux x'jaqsam mal-appalt u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju.

Is-socjeta` attrici appellat mis-sentenza fejn gie liberat il-konvenut Christopher Apap u trid li hu jinstab responsabbli *ex delictu*. Il-konvenuti appellaw incidentalment kontra s-sejbien ta' responsabbilta` fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u l-hlas ta' danni.

Trattat l-ewwel l-appell principali tas-socjeta` attrici, din tghid li l-konvenut Christopher Apap agixxa bi frodi meta l-konvenuti pprovdu verzjoni mhux originali tas-*software* inkwistjoni, bir-rizultat li d-data li kien hemm fis-sistema ezistenti tas-socjeta` attrici giet ikkorrompita, u meta eventwalment il-konvenuti ssostitwew din il-kopja b'kopja ohra, din it-tieni kopja ma kinitx l-istess verzjoni tal-kopja originali. Dan jista' jkun minnu, pero` ma jwassalx ghal responsabbilta` personali tad-direttur tal-kumpanija (sakemm fi proceduri ta'

stralc tal-kumpanija ma jirrizultax kummerc hazin jew kummerc bi frodi). Il-konvenut Apap kien qed jagixxi dejjem f'isem is-socjeta` konvenuta, u bhala *sole director* tal-istess huwa ovvju li kien jinvolvi ruhu fl-operazzjoni taghha. Il-kumpanija konvenuta kienet, tista' tghid, *"a one man company"*, u ghalhekk kollox kien idur madwar Christopher Apap, izda dan ma jfissirx li allura dik il-persuna dahlet f'relazzjoni personali mal-klijenti taghha.

Il-ftehim ta' appalt sar mas-socjeta` konvenuta, u kulma ghamel Christopher Apap ghamlu f'isem is-socjeta`. Mill-provi jirrizulta wkoll illi:

- Il-fatturi li kienu jintbghatu lis-socjeta` attrici rigward l-inkarigu inkwistjoni kienu jintbaghtu fuq *letterheads* tas-socjeta` konvenuta Reflex, bl-indirizz tas-socjeta` Reflex, bin-numru tal-VAT tal-istess socjeta`, bil-kont bankarju tal-istess Reflex sabiex isir id-depozitu tal-hlas mis-socjeta` attrici f'dak il-kont, kif ukoll kienet tinhareg ircevuta fiskali mill-istess socjeta` Reflex;

- Id-dokumentazzjoni kienet tigi ffirmata minn Christopher Apap, pero`, dejjem ghan-nom tas-socjeta` konvenuta u qatt personalment;

- Il-ftehim li bih is-socjeta` konvenuta Reflex giet moghtija l-inkarigu kien sar bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta Reflex.

Biex jirrizulta tort *ex delictu* fl-ezekuzzjoni ta' kuntratt, irid jirrizulta agir lill-hinn mit-twettieq tal-obbligazzjoni, fis-sens ta' kondotta li ma tistax titqies

maghmula fil-kors tal-ezekuzzjoni tal-appalt. Il-fatt li l-appalt twettaq hazin ma jinvolvix necessarjament ir-responsabbilta` personali tad-dirigenti tal-kumpanija mqabbda biex twettaq l-appalt. Lanqas il-fatt li s-socjeta` konvenuta wzat materjal ikkupjat flok originali ma jwassal wahdu ghar-responsabbilta` personali, meta wiehed iqis li kollox sar mill-kumpanija in suppost ezekuzzjoni tal-appalt u mhux b'negligenza individwali jew bi hsieb doluz tad-direttur tal-appaltant. Is-socjeta` konvenuta tghid li dik attrici kienet taf u accettat li kienet se tigi nstallata kopja tas-*software*, u ghalkemm l-espert tekniku, mahtur mill-ewwel Qorti rrelata li s-socjeta` konvenuta ma tatx spjega ghaliex sar dan, l-installar sar mill-kumpanija in ezekuzzjoni tal-appalt u mhux minn xi hadd personalment.

Inkwantu li Christopher Apap jista' jkun responsabbli kriminalment ghal dak li ghamel, mhux rilevanti ghal din il-kawza b'meritu purament civili. Lanqas l-argument tas-socjeta` attrici ghab-bazi tal-Artikolu 1857 u 1864 tal-Kodici Civili ma jregi. Dan ghaliex anke jekk ghall-grazzja tal-argument, Christopher Apap ecceda l-limiti tal-poteri lilu konferiti, huwa ma jobbligax lill-mandant hlief jekk dan espressament jew tacitament jirratifika l-operat tal-mandatarju (Artikolu 1982 tal-Kodici Civili). F'din il-kawza, l-atteggjament tas-socjeta` konvenuta kien wiehed ta' accettazzjoni totali ta' dak li ghamel id-direttur taghha, u anke s-socjeta` attrici titfa' r-responsabbilta` ghall-istallazzjoni ta' *software* mhux licenzjata fuq is-socjeta` konvenuta, u mill-atti ma jirrizulta ebda responsabbilta` personali tal-imsemmi Christopher Apap.

Barra minn dan, il-bazi tal-azzjoni attrici hija l-allegat nuqqas ta’ adempiment tal-imsemmi appalt miftiehem u li twettaq mhux skont l-arti u s-sengha, u mhux fuq xi att illecitu tal-konvenut. In-natura tal-azzjoni attrici hija wahda kuntrattwali u ma jistax jinghata rimedju *ex delictu*.

L-aggravju tas-socjeta` attrici kif imressaq fl-appell principali taghha qieghed, ghalhekk jigi michud.

Fil-kuntest tal-appell incidentali tal-konvenuti, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hija konvinta li x-xoghol li lahqet wettqet is-socjeta` konvenuta kien fih hafna difetti, b’mod li hu car li ma sarx skont l-arti u s-sengha. L-ewwel Qorti ssenjalat tnax-il difett fis-sistema li, b’mod komplessiv, jindikaw li s-socjeta` konvenuta ma tatx xoghol sewwa. Il-perit tekniku accetta li waqt li jkun qed isir trasferiment ta’ data, hu normali li jkunu hemm zbalji, pero`, li *files* jehlu b’mod regolari *“mhux haga tajba jew korretta”.* Il-problemi fis-sistema kienu hafna, tant li Christopher Apap ghas-socjeta` konvenuta wkoll ma setax isib tarf ta’ x’kien qed jigri. Forsi ghax iddecieda li jibda bl-installar ta’ <u>kopja</u> tas-*software* jew wahda mhux originali, li kkorrompiet id-data fis-sistema, decizjoni li hadet il-kumpanija konvenuta unilateralment, li ta lok ghal hafna mill-problemi, pero`, jibqa’ l-fatt li, ghalkemm jista’ jkun li s-socjeta` konvenuta infurmat lil dik attrici b’dan il-fatt, xorta hi tibqa responsabbli ghal konsegwenzi. Is-socjeta` konvenuta inghatat appalt li kellha twettaq bid-diligenza kollha mehtiega. Il-fatt

li ddecidiet tipprocedi “temporanjament” b’verzjoni differenti flok bl-original, ma jezonorax lill-istess socjeta` milli thallas id-danni biex taghmel tajjeb ghal hsara li garbet is-socjeta` attrici fis-sistema taghha.

Il-prova ta’ xoghol hazin ma saritx biss tramite ufficjal tas-socjeta` attrici, izda saret ukoll il-prova teknika tramite espert fil-materja li wera li, mill-provi prodotti, ma kellu ebda dubju li l-appalt ma twettaqx sewwa. L-argument tas-socjeta` konvenuta li x-xoghol tant sar tajjeb li s-socjeta` attrici uzat is-sistema ghal tul ta’ zmien, gia` gie mwiegeb mill-ewwel Qorti li osservat li s-socjeta` attrici baqghet tuza’ s-sistema, wara li tahiela tahdem sewwa haddiehor, u ghal dan ma tistax tiehu l-kreditu s-socjeta` konvenuta.

Inoltre, dak li ghamlet l-ewwel Qorti fil-kaz kien li analizzat il-fatti, u ma gewx murija lil din il-Qorti cirkostanzi hekk gravi li jistghu wassluha tvarja l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, li ghal din il-Qorti hu wiehed korrett u gust. Ghalhekk, din il-Qorti ma tarax li ghandha tilqa’ l-aggravju tal-konvenuti dwar is-sejbien ta’ inadempjenza tas-socjeta` konvenuta.

Fir-rigward tat-tieni aggravju tal-konvenuti relatat mal-ordni tar-rifuzjoni ta’ parti mid-depozitu u hlas ta’ danni, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti mxiet b’mod inkorrett. Hi apprezzat li xi xoghol sar, u inzamm parti mill-apparat u, ghalhekk illikwidat is-somma ta’ sebat elef, seba’ mija wiehed u tletin Euro (€7,731) (parti minn tmienja tal-prezz) bhala hlas dovut lill-appaltatur ghal dak li sar.

Jirrizulta wkoll li biex tissewwa s-sistema u s-socjeta` attrici jkollha dak li ordnat, is-socjeta` attrici kellha tinvolvi ruhha fi spejjez ingenti u ghal dawn tahti s-socjeta` konvenuta peress li hi ma wettqitx l-obbligazzjonijiet taghha. Dan mhux kaz ta' arrikiment indebitu da parti tas-socjeta` attrici. Jekk jinghata appalt, bi ftehim ta' prezz, u l-appaltatur iwettqu hazin, hu jrid jithallas ghal dak li lahaq ghamel sew, pero`, jekk l-appaltant, biex issa jiehu dak li ordna, jikkuntratta ma' terzi u jhallas aktar u jinvolvi ruhu fi spejjez zejda, l-appaltatur li ma wettaqx il-ftehim irid jirrifondi dawk il-flejjes *in linea* ta' danni. Din il-Qorti fil-kawza **Borg et v. Galea et** deciza fid-19 ta' Mejju 2009 kienet osservat illi:

> "Ghalhekk id-danni li l-atturi ghandhom dritt jirreklamaw minghand il-konvenuti huma l-flus minnhom s'issa mhallsa lill-konvenut ta' xoghol li ma swielhom xejn u l-ispejjez li kellhom jidhlu ghalihom meta inkarigaw terza persuna biex jaghmel dak li kien originarjament tqabbad jaghmel il-konvenut Emanuel Galea. Dan huwa ezattament dak li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata."

Id-danni li llikwidat l-ewwel Qorti f'din il-kawza huma ekwivalenti ghan-nefqa zejda li fil-fatt ghamlet is-socjeta` attrici u allura ma jirrizulta xejn irregolari f'dak li ddecidiet l-ewwel Qorti. Kif osservat l-ewwel Qorti, is-socjeta` konvenuta, fl-istadju opportun, ma ressqet ebda prova biex tikkontesta l-pretensjoni tas-socjeta` attrici ghal hlas ta' tletin elf, disa' mitt Euro (€30,900) *in linea* ta' danni, u kwindi ma tistax issa tilmenta mill-*quantum* kif likwidat.

Dwar l-allegazzjoni, li s-somma li ffissat il-Qorti ghax-xoghol li sar hu wiehed baxx, il-Qorti tirreferi ghal dak li gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Hili v. Sammut**, deciza fil-25 ta' Gunju 1993, fis-sens li meta appalt jigi terminat, jista' jkun dovut xi kumpens lill-kuntrattur u hawn wiehed irid

jezamina l-motivazzjoni li waslet lil min jaghti x-xoghol biex iholl il-kuntratt: jekk il-motivazzjoni hija purament soggettiva, allura l-kumpens ghandu jkun il-massimu, mentri jekk il-motivazzjoni tkun oggettivament determinabbli min-nuqqas tad-debitur, allura l-kumpens ghandu jkun il-minimu. Dan hu l-principju li gie applikat f'dan il-kaz, u darba jirrizulta li s-socjeta` konvenuta wettqet ix-xoghol afdat lilha hazin, u holqot hafna problemi lis-socjeta` attrici, ma tistax tippretendi aktar milli inghatat mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell principali tas-socjeta` attrici u kemm mill-appell incidentali tal-konvenuti billi tichadhom it-tnejn u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, filwaqt ta' din is-sekond'istanza jithallsu, dawk marbuta mal-appell principali, mis-socjeta` attrici, u dawk marbuta mal-appell incidentali mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------